**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 751/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sharona Buhagiar)**

**vs.**

**Ramon Attard**

Illum is-6 ta' Jannar 2022

Il Qorti:

Rat li tressaq b'arrest Ramon Attard, ta' 24 sena, imwieled il-Pieta' nhar l- 04 ta' Jannar, 1997 iben Ivan Attard u Loraine Christine Attard nee' Luck, u residenti gewwa 251, Wigwam, FL A, Triq L-Orsolini, Pieta' u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0018597M

Akkuzat talli nhar id- 29 ta' Novembru 2021 ġewwa l-Pieta':

1.Minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' ommu **Loraine Christine Attard Luck** f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-

sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq ommu l-istess **Loraine Christine Attard Luck**, hekk kif iccertifikatha Dr. Francis Borg (Med Reg 4092) mic-Centru tas-Sahha tal- Furjana.

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta′ missieru **Ivan Attard** f′periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq missieu l-istess **Ivan Attard**, hekk kif iccertifikatha Dr. Francis Borg (Med Reg 4092) mic-Centru tas-Sahha tal- Furjana.

3. Hebbejt kontra ommok **Loraine Christine Attard Luck** sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmlilha hsara, kemm –il darba l-fatt ma jkunx jaqa′ taht xi dispozizzjoni ohra ta′ dan il-Kodici Kriminali.

4. Hebbejt kontra missierek **Ivan Attard** sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmillu hsara, kemm –il darba l-fatt ma jkunx jaqa′ taht xi dispozizzjoni ohra ta′ dan il-Kodici Kriminali.

5. Bi traskuraġni jew b′nuqqas ta′ ħsieb, waddabt jew xħett ilma jew ħwejjeġ oħra maħlula jew ħmiġijiet fuq il-persuna ta′ missierek **Ivan Attard**.

6. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band′oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat ,inġurja b′mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni, liema ingurji u theddid saru fil-konfront tal-genituri tieghu **Ivan Attard** u **Loraine Christine Attard Luck.**

7. Għamilt reat ieħor wara li kont ġejt ikkundannat għal reat b′sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit, LL.D, datata 24 ta′ Mejju, 2021 liema sentenza saret definittiva, b′hekk ġibt ruħek reċidiv.

8. U aktar talli għamilt reat li għalih hemm il-piena ta′ priġunerija, waqt perijodu operattiv ta′ sentenza ta′ 15 –il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, mogħtija mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit, LL.D. nhar l- 24 ta′ Mejju 2021.

9. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni operattiv ta′ liberta′ kondizzjonata ta′ sentenza mogħtija mill-Qorti ta′ Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace, LL.D. nhar l-14 ta′ Gunju, 2021 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta′ protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Ramon Attard** a benefiċju ta′ *Loraine Christine Attard Luck* u *Ivan Attard* u l-familjari tagħhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f′każ ta′ ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta′ Loraine Christine Attard Luck u Ivan Attard jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Ramon Attard** b′obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta′ somma ta′ flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, għal zmien li tħoss xieraq,

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-Avukat Generali ta′ l-kunsens tieghu li sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

[1] Dok AM11, Folio 30 ta′ l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni u d-difiza, it-tnejn, ghalqu l-provi taghhom nhar il-21 ta' Dicembru 2021.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, u hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru quddiem il-Qorti;

Fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta nhar id-29 ta' Novembru 2021 meta l-imputat agredixxa liz-zewg genituri tieghu fir-residenza li fiha jghix maghhom waqt li kien fi stat ta' sokkor.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz, ix-xhieda principali huma l-genituri ta' l-imputat u cioe' Ivan Attard u Loraine Christine Attard Luck.

Illi fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2021, dehru l-parte civile, u cioe il-genituri ta' l-imputat Ivan Attard u Christine Attard Luck fejn irrinunzjaw ghall-kwerela li huma kienu gia ghamlu u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed jahfru lill-imputat.

Il-genituri ta' l-imputat iddikjaraw ukoll li ma xtaqux jixhdu fil-konfront ta' binhom minhabba l-qrubija bid-demm, liema talba l-Qorti laqghet skont l-artikolu 633(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi missier l-imputat Ivan Attard, irrifjuta wkoll li jsir *risk assessment* mill-Agenzija Appogg.[2]

Ghaldaqstant l-unika xhud li semghet il-Qorti kienet l-Ispettur Audrey Micallef li esebit ukoll zewg sentenzi in sostenn tas-seba, it-tmien u d-disa akkuza.

Fix-xhieda taghha, l-Ispettur Micallef tispjega l-fatti speci tal-kaz u r-rapport li sar mill-genituri ta' l-imputat, kif ukoll l-involviment taghha fit-tehid ta' l-istqarrija ta' l-imputat. Madankollu x-xhieda ta' l-Ispettur Micallef fil-maggior parti taghha tista tigi biss ikkunsidrata bhala *hearsay evidence* fin-nuqqas li xehdu l-genituri tieghu. In kontro ezami, l-Ispettur ikkonfermat li l-imputat ma setghax jiftakar b'mod car l-incident in vista tal-fatt li kien fis-sakra.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz ix-xhieda principali u l-prova in ekwivoka tal-prosekuzzjoni huma l-genituri ta' l-imputat. Il-genituri talbu li jwaqqfu l-proceduri kontra binhom safejn hu possibli, ma jixdhux, xtaqu jahfru lill-imputat u jergghu jaccettaw lil binhom lura go darhom bit-tama li jsegwi b'success programm ghar-riabilitazzjoni mix-xorb u d-droga.

Illi fin-nuqqas li jixhdu l-genituri ta' l-imputat, il-prosekuzzjoni ma ghandix provi sufficjenti u ma tistax tressaq l-ahhjar prova jew prova sal-grad rikjest mill-ligi.

Il-konsegwenza ta' dan huwa li l-Qorti m'ghandha ebda provi quddiemha li bihom tista tqis li dawn ir-reati gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

[2] Dok AM9, Folio 23 ta' l-atti processwali

Madankollu, minkejja li l-Qorti tista' biss tillibera lill-imputat fic-cirkostanzi li ghandha quddiema, tiehu din l-opportunita' sabiex twissi persuni bhall-imputat li ghandhom dejjem jaghrfu li l-genituri taghhom m'ghandhom ikunu qatt, u wisq anqas ihossuhom, obbligati li jrrinunzjaw ghal xi kawza kontra wliedhom tad-deni li jkunu allegaw li garrbu minghandhom. Mill-imgieba tal-genituri tal-imputat, huwa evidenti u car li t-tnejn ghandhom qalbhom maqsuma minhabba l-komportament ta' binhom, dovut ghall-vizzji tieghu u ghad-diffikultajiet li jinsab fihom. Jinhass evidenti wkoll li l-istess genituri jixtiequ jaghmlu l-ahjar li jistghu sabiex jghinnuh jeghleb il-vizzji tieghu. Persuni bhall-imputat ghandhom jaghrfu li l-genituri taghhom mhumiex hemm ghall-dejjem u lanqas ma ghandhom jippretendu, bhal donnu b'dritt, li jekk ikun hemm xi kwerela jew proceduri ohra *ex officio*, il-genituri taghhom jibqghu jaghzlu t-triq tal-mahfra, dan aktar u aktar waqt li jkunu ghadhom jghixu taht saqaf wiehed.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 214, 221(1), 222(1)(a), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(f), 412C, 383, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Ramon Attard **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar is-6 ta' Jannar 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**